MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2015

Avviz Numru. 6/2013

**John Azzopardi Vella u martu Estelle Azzopardi**

**Vs**

**Kunsill Lokali tas-Sliema**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-atturi fejn talbu sabiex il-konvenut Kunsill jigi kkundannat li jhallas is-somma ta' ghaxart elef, tmien mija, disgha u sittin Ewro 15 centezmi (€10,869.15) jew ammont iehor verjuri li jista' jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza, liema ammont thallas lilu indebitament talli l-atturi jkunu awtorizzati jpoggu "crane" u "scaffolding" fil-fond maghruf bhala "Lyons Range", Triq Bisazza, Sliema

matul l-kostruzzjoni tas-sular ta' fuq tal-istess fond u dana minghajr ma hu kellu d-dritt jimponi l-imsemmi hlas sabiex jawtorizza l-istess.

Bl-ispejjes inkluzi tal-ittra ufficjali numru 7374/2009.

Rat id-digriet taghha fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2013 fejn din il-Qorti ordnat l-isfilz tar-risposta tal-Kunsill Lokali Sliema, ghax giet prezentata *fuori termine.*

Rat in-nota tal-Kunsill konvenut tal-5 ta' Lulju 2013, li fiha issolleva diversi eccezzjonijiet.

Rat ir-risposta tal-atturi ghal din in-nota.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fuq din in-nota.

Rat id-digriet taghha fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2014, fejn din il-Qorti ddecidiet *inter alia* hekk:

*"Il-Qorti in vista tal-fatt li fin-nota tal-Kunsill Lokali Sliema tal-5 ta' Lulju 2013 qed jeccepixxi:*

1. *id-dekadenza ta' sitt xhur ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12;*
2. *il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 1027 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta; u*

*In vista tal-fatt li eccezzjonijiet dwar preskrizzjoni jistghu jigu sollevati skont il-ligi f'kwalunkwe stadju tal-proceduri, qieghda tammetti dawn iz-zewg eccezzjonijiet, minghajr pregudizzju jekk il-Kunsill Lokali konvenut ghandux ragun fil-mertu taghhom."*

Fl-istess seduta tat-3 ta' Marzu 2014, din il-Qorti *ex officio* issollevat il-kwistjoni jekk hiex kompetenti *ratione materiae* li tiehu konjizzjoni ta' dawn i-proceduri u dan stante li mir-rikors promotur stess jirrizulta li l-atturi qed jallegaw li l-Kunsill konvenut ma kellux dritt jimponi l-hlas in kwistjoni u din

*prima facie* tinvolvi stharrig ta' eghmil amministrattiv li taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta huwa riservat lil Prim'Awla tal-Qorti Civili.

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri dwar din l-eccezzjoni sollevata *ex officio* mill-Qorti.

Rat in-nota tal-atturi tat-2 ta' Gunju 2014 fejn fiha ddikjaraw li *"it-talba attrici hija msejjsa fuq l-Artikolu 8 tal-ligi Sussidjarja 441.04 kif ukoll fuq l-Artikolu 4 ta' l-istess att fejn hemm stipulat illi r-rata ta' hlas applikabbli ghall-permess hija ta' €2.33 ossija ferm inqas minn dak imhallas lill-Kunsill intimat."*

Rat li fis-seduta tat-8 t'Ottubru 2014, gie registrat is-segwenti verbal: *"Il-Qorti qed tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza in vista tal-fatt li minn qari tal-Ligi Sussidjarja 441.04 li fuqha l-atturi qeghdin isejsu t-talba attrici, u dan kif jirrizulta min-nota taghhom tat-2 ta' Gunju 2014, jirrizulta li fir-Regolament 12 li applikant li jhossu aggravat b'decizjoni tal-Kunsill Lokali ghandu dritt jaghmel appell skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 26 (probabbilment ir-riferenza trid tkun 6) tal-Att dwar il-Licenzji tal-Kummerc, Kapitolu 441 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant il-Qorti qed tissolleva ex officio illi jidher prima facie li huwa dan il-Bord tal-Appelli li kien kompetenti jiehu konjizzjoni tal-lanjanza tal-atturi."*

Fl-istess seduta, il-Qorti stiednet lill-partijiet jaghmlu sottomissjonijiet fuq din it-tieni eccezzjoni tal-kompetenza ratione materiae sollevata minnha ex officio.

Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri fuq din it-tieni eccezzjoni sollevata *ex officio* mill-Qorti.

Il-kawza giet differita ghal lum ghal sentenza parzjali dwar l-eccezzjonijiet sollevati ex officio minn din il-Qorti dwar il-kompetenza taghha ratione materie fit-8 t'Ottubru 2014 u fit-3 ta' Marzu 2014.

Il-Qorti rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

L-ebda parti ma ressqet provi fuq iz-zewg eccezzjonijiet sollevati *ex officio* mill-Qorti, pero mill-atti u mis-sottomissjonijiet tal-avukati difensuri jidher illi l-fatti li taw lok ghal din il-vertenza huma s-segwenti:

1. L-atturi talbu lill-Kunsill konvenut sabiex jawtorizah ipoggi crane u scaffolding ma' fond go Bisazza Street, tas-Sliema, u dan matul il-kostruzzjoni tas-sular ta' fuq tal-istess fond.
2. Il-Kunsill konvenut ta l-awtorizzazzjoni tieghu lill-atturi kif talbu, suggett li jhallsu is-somma ta' €10, 869.15. L-atturi hallsu dan l-ammont.
3. F'dawn il-proceduri, l-atturi qieghdin jitolbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-Kunsill konvenut jirrifondihom dan l-ammont, jew ammont iehor verjuri li jista' jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza, stante li skond l-atturi, il-Kunsill konvenut ma kellux dritt jimponi l-hlas ta' dan l-ammont sabiex jawtorizza x-xogholijiet li l-atturi riedu jaghmlu.
4. Fit-trattazzjoni orali l-abbli difensur tal-atturi ssottometta li l-Kunsill konvenut ma kienx mexa mat-tariffi stabbiliti bil-ligi ghax-xogholijiet li l-atturi riedu jaghmlu u kien talab hlas zejjed, u l-atturi kienu qed jitolbu r-rifuzjoni ta' dan il-hlas zejjed.[1]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

[1] Ara trattazzjoni tal-abbli difensur tal-atturi a fol. 25-26 tal-process.

Din il-Qorti se tittratta fl-ewwel lok it-tieni eccezzjoni sollevata minnha ex officio li hija mhix kompetenti ratione materiae ghaliex prima facie jidher li huwa l-Bord tal-Appelli stabbilit taht il-Ligi Sussidjarja 441.04 li kien kompetenti jiehu konjizzjoni tal-lanjanza tal-atturi.

Fin-nota taghhom tat-2 ta' Gunju 2014, l-atturi ddikjaraw li *"it-talba attrici hija msejsa fuq l-Artikolu 8 tal-Ligi Sussidjarja 441.04 kif ukoll fuq l-Artikolu 4 ta' l-istess att fejn hemm stipulat illi r-rata ta' hlas applikabbli ghall-permess hija ta' €2.33 ossija ferm inqas minn dak imhallas lill-Kunsill intimat."*

Il-ligi sussidjarja 441.04 hija intitolata *"Regolamenti dwar Attivitajiet li jehtiegu permess mill-Kunsill Lokali"* (Avviz Legali 119/2002, kif sussegwentement emendat)

L-Artikolu (recte Regolament) 8 tal-Ligi Sussidjarja 441.04 tippreskrivi *inter alia* hekk:

*"(1) Hadd ma jista' jiddeposita jew juza xi krejn jew makkinarju iehor waqt il-bini, kostruzzjoni jew demolizzjoni ta' xi bini jew progett iehor simili f'xi triq minghajr il-permess tal-Kunsill Lokali. … ….*

*(4) Meta hekk jintalab jaghmel mill-Kunsill Lokali u malli jhallas id-dritt skond kif stabbilit fl-Iskeda C, l-applikant ghandu jhallas ghal servizz ta' gwardjan lokali biex jikkontrolla t-traffiku. Il-hlas ikun kif hemm stabbilit fl-Iskeda A. … …"*

Fin-nota taghhom tat-2 ta' Gunju 2014, l-atturi jirreferu ukoll ghall-*"l-artikolu 4 tal-istess att"*. Pero l-Artikolu 4 tal-Att in kwistjoni, cioe Kapitolu 441 tal-Ligijiet ta' Malta – huwa irrelevanti ghal fini ta' din il-kwistjoni stante li dan l-Artikolu jippreskrivi l-applikabilita tal-istess Att.[2]

Fl-opinjoni tal-Qorti, dan kien zball tal-pinna, u l-atturi riedu jirreferu ghall-Artikolu (recte Regolament) 4 tal-istess Ligi Sussidjarja 441.04 li jippreskrivi *inter alia hekk* hekk: *"(2) Kull*

---

[2] L-Artikolu 4 tal-Kapitolu 441 jippreskrivi hekk: *"Kemm-il darba ma jigix xort'ohra provdut minn jew taht dan l-Att, id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att ma jkunux japplikaw dwar xi postijiet kummercjali bil-licenzja, jew xi attivita kummercjali regolata that xi ligi ohra, u f'kull kaz bhal dak ebda licenzja ohra jew regolament iehor ma jkunu jinhtiegu that dan l-Att*

*applikazzjoni ghandu jkollha maghha dik l-informazzjoni u dokumentazzjoni mehtiega flimkien ma' dritt li ghandu jithallas skond l-Iskeda C."*

Minn dan jidher car, li l-lanjanza tal-atturi hija li d-dritt li l-Kunsill konvenut talabhom ihallsu ghall-uzu ta' krejn u scaffolding ma kienx skond l-Iskeda C annessa mal-Ligi Sussidjarja 441.04.

Pero, ir-Regolament 12 tal-Ligi Sussidjarja 441.04 jippreskrivi hekk: *"F'kull kaz fejn applikant ihoss ruhu aggravat b'decizjoni tal-Kunsill Lokali, l-applikant jista' jaghmel appell skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 26 ta' l-Att, u f'dak il-kaz il-proceduri ghall-appell stabbiliti taht ir-Regolamenti dwar il-Licenzji tal-Kummerc ghandhom japplikaw ghandhom japplikaw ghal appelli li jsiru taht dan ir-regolament."* (sottolinear tal-Qorti)

Issa l-Att dwar il-Licenzji tal-Kummerc (Kapitolu 441) ma fih ebda Artikolu 26. Pero l-Artikolu 6 tal-Att jippreskrivi *inter alia* hekk:

*(1) Jista' jsir appell lill-Bord tal-Appelli dwar il-Liċenzar fuq kull deċiżjoni meħuda skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u regolamenti magħmulin taħtu. Id-dritt ta' appell jappartjeni lil min japplika u lil kull min juri dak l-interess kif jiġi preskritt li jkun ressaq oġġezzjoni kif dovut jew ilmenta kontra l-għoti tal-liċenza.*

*(2) Jista' jiġi ppreżentat appell lill-Bord għal kull waħda mir-raġunijiet li ġejjin:*

*(a) li jkun sar żball materjali dwar il-fatti;*

*(b) li kien hemm żball materjali proċedurali;*

*(ċ) li jkun sar żball tal-liġi;*

*(d) li kien hemm xi illegalità materjali, inkluża irraġonevolezza jew nuqqas ta' proporzjonalità. … …"* (sottolinear ta' din il-Qorti.

Il-procedura quddiem il-Bord tal-Appelli dwar Licenzjar hija regolata bil-Ligi Sussidjarja L.S.441.07.

L-Artikolu 8 tal-Kapitolu 441 jippreskrivi hekk:

*"Meta xi parti f'appell lill-Bord tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni tal-Bord, jew jekk l-awtorità regolatorja tħoss ruħha mhux sodisfatta b'xi deċiżjoni bħal dik, tista' dwar punt ta' liġi tappella lill-Qorti tal-Appell kif magħmul skont l-artikolu 41(6) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Civili b'rikors li jiġi ppreżentat fir-reġistru ta' dik il-qorti, fi żmien tletin ġurnata mid-data tad-deċiżjoni tal-Bord."*

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-atturi issottometta li l-appelli kontemplati fir-Regolament 12 tal-Ligi Sussidjarja 441.04 mhux applikabbli ghal kaz odjern, ghaliex dawn l-appelli jistghu isiru biss meta l-Kunsill konvenut ikun moghti diskrezzjoni bil-ligi kif jiddeciedi. Huwa ssottometa li fil-kaz odjern, il-Kunsill konvenut ma kellux diskrezzjoni kif jikkomputa d-dritt li l-atturi kellhom ihallsu ghax-xogholijiet li riedu jaghmlu, ghax dan id-dritt huwa stabbilit bil-ligi.

Din il-Qorti ma taqbilx ma' din l-interpretazzjoni tal-Regolament 12. Dan l-Artikolu jibda biex jghid: *"F'kull kaz fejn applikant ihoss ruhu aggravat b'decizjoni tal-Kunsill Lokali,"* u ma jaghmel l-ebda distinzjoni bejn jekk id-decizjoni tal-Kunsill Lokali kienet wahda fejn il-Kunsill kellu diskrezzjoni bil-ligi kif jiddecidi, jew decizjoni fejn il-Kunsill Lokali kien marbut bid-dettami tal-ligi kif kellu jiddeciedi. Din in-nuqqas ta' distinzjoni bejn kwalitajiet differenti ta' decizjonijiet tal-Kunsill Lokali tinsab ukoll fl-Artikolu 6 tal-Kapitolu 441 li kkrea l-Bord tal-Appelli dwar Licenzjar u tah il-poter li jisma' appelli *"fuq kull deċiżjoni meħuda skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u regolamenti magħmulin taħtu."* Ghalhekk, ladarba l-ligi ma tiddistingwix bejn kwalitajiet differenti ta' decizjonijiet tal-Kunsill Lokali, ma hux lecitu li din il-Qorti taghmel distinzjonijiet.

Fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, il-lanjanza tal-appellanti li l-Kunsill konvenut ma stabbiliex id-dritt dovut minnhom ghax-xogholijiet li riedu jaghmlu skond ma tippreskrivi l-Iskeda C annessa mal-Ligi Sussidjarja 441.04 taqa' esklussivament fil-kompetenza tal-Bord tal-Appelli dwar Licenzjar, li skond l-Artikolu 6 tal-Kapitolu 441 ghandu kompetenza jisma' u jiddeciedi fuq *"kull deċiżjoni meħuda skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u regolamenti magħmulin taħtu".* Fl-istess sens huwa r-Regolament 12 tal-Ligi Sussidjarja 441.04. Huwa car li l-lanjanza tal-atturi kif formulata fir-rikors promotur u kif spjegata fis-sottomissjonijiet orali – minghajr pregudizzju jekk din il-lanjanza hix

legalment valida jew le - taqa’ ghall-inqas taht zewg ragunijiet imsemmijin fl-Artikolu 6(2) tal-Kapitolu 441 u cioe taht l-ittra (b) – li kien hemm zball materjali procedurali – u taht l-ittra (c) – li jkun sar zball tal-ligi.

Il-Bord tal-Appelli dwar Licenzjar huwa bord b’kompetenza specjali, u konsegwentement din il-Qorti hija zvestita mill-kompetenza li tiehu konjizzjoni tal-istess materja li taqa’ fil-kompetenza esklussiva ta’ dan il-Bord.

Ghalhekk, din il-Qorti mhix kompetenti *ratione materiae* li tiehu konjizzjoni tal-lanjanza tal-atturi.

In vista ta’ din il-konkluzjoni ta’ din il-Qorti, ma hemmx raguni ghalfejn din il-Qorti tinoltra ruhha fl-ewwel eccezzjoni sollevata minnha *ex officio* dwar il-kompetenza taghha *ratione materiae* li tiehu konjizzjoni tal-lanjanza tal-atturi, u qed thalli din l-eccezzjoni sollevata ex officio impregudikata.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tiddikjara li hija mhix kompetenti *ratione materiae* li tiehu konjizzjoni tal-ilmenti tal-atturi fir-rikors promotur, u qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ dawn il-proceduri.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-atturi.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------